



Kunsill Ewropew

Brussell, 17 ta' Ottubru 2019
(OR. en)

EUCO XT 20018/19

BXT 69
CO EUR 26
CONCL 8

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Laqgħa straordinarja tal-Kunsill Ewropew (Art. 50) (17 ta' Ottubru 2019) – Konklużjonijiet

Id-delegazzjonijiet¹ isibu mehmuż il-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew (Art. 50) fil-laqgħa ta' hawn fuq.

¹ Wara notifika skont l-Artikolu 50 TUE, il-membri tal-Kunsill Ewropew li jirrappreżenta lill-Istat Membru li hienet ma għandux jipparteċipa fid-diskussjonijiet tal-Kunsill Ewropew jew fid-deċiżjonijiet li jikkonċernawh.

1. Il-Kunsill Ewropew japprova l-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika. Fuq din il-bażi, il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jieħdu l-passi meħtieġa biex jiżguraw li l-ftehim ikun jista' jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 2019, sabiex ikun previst ħruġ ordnat.
2. Il-Kunsill Ewropew japprova d-Dikjarazzjoni Politika li tistabilixxi l-qafas għar-relazzjoni futura bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq. Il-Kunsill Ewropew jiddikjara mill-ġdid li l-Unjoni hija determinata li fil-futur ikollha sħubija kemm jista' jkun possibbli mill-qrib mar-Renju Unit f'konformità mad-Dikjarazzjoni Politika. L-approċċ tal-Unjoni ser ikompli jiġi definit mill-pożizzjonijiet u l-prinċipji ġenerali stabbiliti fil-linji gwida tal-Kunsill Ewropew miftehma preċedentement kif ukoll fid-dikjarazzjonijiet, b'mod partikolari dawk tal-25 ta' Novembru 2018. Il-Kunsill Ewropew ser jibqa' impenjat b'mod permanenti bil-kwistjoni.
3. Il-Kunsill Ewropew jerġa' jirringrazzja lil Michel Barnier għall-isforzi bla heda tiegħu bħala kap negozjatur tal-Unjoni u għall-kontribut tiegħu biex tinżamm l-għaqda bejn l-Istati Membri tal-UE27 matul in-negozjati dwar il-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea.
